



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0060/2010**

24.3.2010

# RAPPORT

dwar l-agrikoltura tal-UE u t-tibdil fil-klima  
(2009/2157(INI))

Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Stéphane Le Foll

PR\_INI

## WERREJ

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	13
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA .....	18
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	23

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-agrikoltura tal-UE u t-tibdil fil-klima (2009/2157(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "L-adattament għat-tibdil fil-klima: l-isfida għall-agrikoltura u għaż-żoni rurali Ewropej" (SEC(2009)0417),
  - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Ir-rwol tal-agrikoltura Ewropea fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima" (SEC(2009)1093),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-14 ta' Novembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2008 dwar "l-agrikoltura sostenibbli u l-bijogass: il-ħtieġa għal reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE"<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2009 dwar "l-2050: Il-Ġejjieni jibda llum – Rakkomandazzjonijiet għal politika tal-UE integrata fil-ġejjieni dwar il-bidla fil-Klima"<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2009 dwar "l-isfida tad-degradazzjoni tal-art agrikola fl-UE, b'mod partikulari fl-Ewropa tan-nofsinhar: tweġiba permezz tal-istrumenti tal-politika agrikola komuni"<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-istrategġija tal-UE għall-Konferenza ta' Kopenħagen dwar il-Bidla fil-Klima (COP 15)<sup>5</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Evalwazzjoni Internazzjonali tal-Agricoltura, ix-Xjenza u t-Teknoloġija għall-Iżvilupp (IAASTD) imfassal mill-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ikel u l-Agricoltura (FAO) u l-Bank Dinji u ffirmata minn 58 pajjiż;
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0060/2010),
- A. billi t-tibdil fil-klima b'riżultat tal-akkumulazzjoni fil-passat ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera huwa fatt stabbilit xjentifikament li jista' jkollu konsegwenzi gravi fuq l-ekosistemi,

---

<sup>1</sup> ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 281.

<sup>2</sup> ĠU C 66 E, 20.3.2009, p. 29.

<sup>3</sup> ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 44.

<sup>4</sup> Testi adottati, P6\_TA(2009)0130.

<sup>5</sup> Testi adottati, P7\_TA(2009)0089.

- B. billi l-agrikoltura hi konċernata b'mod dirett minħabba li hi waħda mill-attivitajiet ekonomiċi li jimmaniġġjaw ir-riżorsi naturali għall-benefiċċju tal-bniedem,
- C. billi t-tibdil fil-klima huwa wieħed mill-perikli l-iktar serji għall-ambjent, iżda wkoll għall-ordni soċjali u ekonomika, il-produttività ta' prodotti agrikoli tinbidel minn sena għal oħra minħabba s-sensittività tagħha għal bidliet estremi tal-kundizzjonijiet klimatiċi, b'impatt indirett fuq is-setturi kollha tal-ekonomija, minkejja li l-agrikoltura tibqa' l-qasam l-iktar vulnerabbli minnhom,
- D. billi l-agrikoltura bħala waħda mis-sorsi ewlenin ta' żewġ gassijiet importanti li għandhom effett ta' serra, li huma l-ossidu nitruż u l-metanu, li huma ġġenerati minn proċessi bioloġiċi differenti fil-produzzjoni agrikola, qed tikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima, filwaqt li hi esposta ħafna għall-effetti ħżiena ħafna ta' dan it-taħwid,
- E. billi l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-agrikoltura (inkluża t-trobbija tal-bhejjem) naqqsu b'20% fl-UE-27 bejn 1999 u l-2007 u l-proporzjon tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni prodotti fl-agrikoltura naqas minn 11% fl-1990 għal 9.3% fl-2007, fost oħrajn bħala riżultat taż-żieda fl-effiċjenza tal-agrikoltura tal-UE, innovazzjonijiet kontinwi u l-użu ta' tekniki ġodda, l-użu iktar effikaċi ta' fertilizzanti u r-riformi riċenti tal-PAK,
- F. billi l-agrikoltura u l-foresta huma s-setturi ekonomiċi ewlenin li jistgħu jaqdbu s-CO<sub>2</sub> li jirriżulta mill-attivitajiet tal-bniedem, li jikkonservaw u jaħżnuh fil-ħamrija permezz tal-kapaċità tagħhom ta' mħażen, u li jassimilawh fil-ħxejjex permezz tal-fotosintesi; billi dawn is-setturi għandhom potenzjal sinifikanti biex jipparteċipaw b'mod pożittiv għall-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tiżnin,
- G. billi t-tibdil fil-klima diġà kellu konsegwenzi negattivi fuq l-agrikoltura tal-UE (inkluż tnaqqis fir-riżorsi tal-ilma, tmelliħ tal-ilma li jintuża għat-tisqija, nixfiet aktar frekwenti, deżertifikazzjoni, żieda qawwija fl-ammont ta' xita fix-xitwa u għargħar fit-Tramuntana, żoni kostali baxxi mhedda miż-żieda fil-livell tal-baħar u r-riskju ta' tmelliħ, tempesti u temp estrem ieħor, erożjoni, ċediment tal-art, proliferazzjoni ta' insetti qerrieda u mard tal-annimali u tal-pjanti), u billi l-aċċellerazzjoni mistennija ta' dawn il-problemi jista' jkollha riperkussjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali serji għas-settur agrikolu, forestali u turistiku,
- H. billi s-settur agrikolu għandu l-ħila kemm li jadatta ruħu kif ukoll li jtaffi l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, bis-saħħa tal-għarfien espert tal-bdiewa, PAK b'saħħitha u l-iżvilupp tar-riċerka u l-innovazzjoni, iżda li fir-rigward ta' proċessi naturali li huwa diffiċli li jiġu kkontrollati, l-isforzi meħtieġa huma konsiderevoli,
- I. billi l-agrikoltura Ewropea hija maħżen ta' impjegji li għalhekk ta' min jiproteġih u jiżviluppah,
- J. billi l-agrikoltura tibqa' kruċjali għaż-żamma tal-attività umana fit-territorji Ewropej rurali, partikolarment għall-firxa wiesgħa ta' servizzi li jistgħu jipprovdu l-bdiewa għall-bqija tas-soċjetà,
- K. billi l-oġettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp tal-enerġija li tiġġedded jikkonċernaw l-

agrikoltura b'mod dirett u billi dan l-iżvilupp jista' jgħin sostanzjalment biex jonqsu l-emissjonijiet GHG,

L. billi waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-agrikoltura Ewropea hija li tintema' l-populazzjoni tal-Unjoni,

M. billi l-Unjoni għandha tkun fuq quddiem fil-ġlieda kontra t-tiżhin tal-pjaneta,

### **Kontribut tal-agrikoltura tal-Unjoni għall-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tiżhin**

1. Jafferma li l-agrikoltura tal-UE tista' tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, iffissati mill-Unjoni billi toffri soluzzjonijiet u appoġġ biex tgħin fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, filwaqt li tippromwovi s-sekwestrazzjoni tas-CO<sub>2</sub> fil-ħamrija, l-iżvilupp tal-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli sostenibbli u li timmassimizza l-funzjoni tal-fotosintesi; jenfasizza li, għal dawn il-finijiet, huwa essenzjali li jitkattar l-iżvilupp ta' agrikoltura li tipproduċi oġġetti li jistgħu jiġu negozjati u dawk li ma jistgħux jiġu negozjati li jisfruttaw ir-riżorsi potenzjali u naturali ta' kull ekosistema b'mod effiċjenti kemm jista' jkun u li jirrikonċiljaw il-ħtiġijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali u tal-benesseri tal-annimali sabiex titjeb is-sostenibbiltà tagħha;
2. Billi jenfasizza li fil-każ ta' sehem aktar attiv tal-agrikoltura fil-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima, sabiex il-pożizzjoni kompetittiva tas-settur tal-agroalimentari ma tiġix kompromessa fil-qafas tas-suq dinji;
3. Iqis li l-agrikoltura organika, il-prattika estensiva tal-mergħa u l-produzzjoni integrata huma xi alternattivi għal produzzjoni agrikola aktar ekoloġika; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet li jagħmluha possibbli għall-agrikoltura konvenzjonali, li tiffirma l-parti l-kbira tal-biedja Ewropea, li tagħti kontribut kunsiderevoli għal approċċ sostenibbli għall-ambjent;
4. Jirrikonoxxi li l-innovazzjonijiet għandhom rwol ewlieni biex inaqqsu l-impatt li l-agrikoltura għandha fuq it-tibdil fil-klima u biex jonqsu l-konsegwenzi ambjentali;
5. Jitlob b'mod partikolari li l-PAK ġejjiena tinkoraġġixxi, permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' taħriġ u permezz ta' miżuri li joffru inċentivi, il-prattiki li jikkontribwixxu għal titjib fl-effiċjenza tal-agrikoltura u l-potenzjal tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, u għal titjib fis-sekwestru tal-karbonju, bħal:
  - it-tekniki li jikkombinaw l-użu simplifikat u xieraq tal-art li jiżguraw kopertura veġetali (bħat-tnaqqis fil-kultivazzjoni jew l-ebda kultivazzjoni tar-raba', u li l-fdalijiet tal-uċuħ tar-raba' jitħallew fl-għelieqi) u li jippermettu l-kultivazzjoni ta' diversi uċuħ u n-newba, li jimmassimizzaw il-fotosintesi u jippromwovu l-arrikkiment tal-ħamrija mil-lat ta' materji organiċi, kif wera l-proġett SoCo inniedi fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew;
  - il-konservazzjoni u l-iżvilupp tal-afforestazzjoni u l-forestazzjoni, l-iżvilupp tal-agroforestrija, l-ilqugħ tal-ħaxix (hedges), l-imsaġar fuq il-biċċiet tal-art, is-sistemi tal-mergħat permanenti jew temporanji;

- l-introduzzjoni ta' metodi tal-biedja li jżidu l-perjodu għall-ħażna tal-karbonju fil-foresti eżistenti;
  - il-ġestjoni aħjar tal-ħamrija u tal-minerali, u l-protezzjoni xierqa ta' artijiet b'ħafna karbonju bħal pantani ta' artijiet mistagħdra (tkabbir ta' uçuħ adattati bħall-qasab minflok ma l-art titnixxef mill-ilma);
  - il-modernizzazzjoni tal-farms (iżolament tal-bini, tagħmir effiċjenti mil-lat enerġetiku, użu ta' enerġija li tiġġedded) u katini ta' produzzjoni aktar effiċjenti;
  - tekniki moderni ta' tagħlif, taż-żamma tal-annimali u tat-trattament u l-użu tad-demel, li għandhom inaqqsu l-emissjonijiet tal-metanu b'mod sinifikanti;
  - l-użu ta' enerġija tal-bijomassa integrata fil-produzzjoni tal-ikel, li għandha tikkontribwixxi għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karbonju flimkien mal-użu ta' prodotti sekondarji u skart tas-CO<sub>2</sub>;
  - it-taħwil ta' wçuħ għall-enerġija mill-injam u mill-ħaxix f'artijiet mistagħdra, żoni li huma niedja jew imrammla u żoni li huma anqas adattati għall-agrikoltura, bil-għan li jżied l-assorbiment tas-CO<sub>2</sub> u s-sekwestru tal-karbonju;
6. Jenfasizza li dawn il-prattiki agrikoli li jirrispettaw aktar l-ambjenti naturali għandhom ukoll effetti pożittivi fuq l-arrikkiment tal-bijodiversità u fuq il-kwalità tal-ħamrija, fuq iż-żamma tal-ilma u fuq il-ġlieda kontra l-erożjoni u t-tniġġis u li l-mitigazzjoni tal-impatt tal-attività tal-biedja fuq it-tibdil fil-klima huma wkoll fl-interess komuni għall-pubbliku, li għalih tikkontribwixxi l-agrikoltura;
  7. Jiffavorixxi l-ħolqien ta' politika forestali Ewropea komuni li tippromwovi ġestjoni u produzzjoni sostenibbli tal-foresti u li tivvaluta aħjar il-kontribut u l-iżvilupp ekonomiku tas-settur tal-injam, minħabba li dan is-settur jikkontribwixxi l-aktar għall-qbid tal-karbonju. Din il-politika għandha tqis bl-ikbar mod possibbli l-kundizzjonijiet reġjonali differenti għall-forestrija, minħabba li kemm opportunitajiet u theddidiet differenti għall-ambjent tal-foresti fl-Ewropa tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar.
  8. Jindika li l-foresti jagħtu kontribut sinjifikanti għall-ġestjoni effiċjenti tal-ilma; għalhekk jenfasizza li l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa biex jimpenjaw ruħhom f'metodi ta' ġestjoni tal-foresti li jwasslu għat-tnaqqis tad-differenzi fis-sistema tal-ilma bejn il-perijodi ta' nixfa u l-perijodi ta' għargħar, li jwassal biex jiġu llimitati n-nixfa u l-għargħar negattivi għall-agrikoltura, il-produzzjoni tal-enerġija u l-populazzjoni;
  9. Jirrakkomanda li jissaħħu l-politiki dwar ir-regġuni muntanjużi, minħabba li s-setturi tal-mergħat u tat-trobbija tal-annimali għandhom rwol partikolarment importanti fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u jgħinu biex jaġġustaw u jnaqqsu l-vulnerabilità, b'mod partikulari permezz tal-ġestjoni xierqa tal-mergħat;
  10. Jirrakkomanda li għandhom jitfasslu strateġiji għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-konsegwenzi negattivi għall-agrikoltura fl-Unjoni Ewropea permezz ta':
    - pjan ta' azzjoni għal dawk iż-żoni l-aktar milquta: l-użu ta' ċerti varjetajiet ta' pjanti li huma

reżistenti għall-kundizzjonijiet ġodda fil-klima, l-adattament tal-kalendarju ta' attivitajiet tal-biedja għall-kundizzjoniet il-ġodda, l-afforestazzjoni, il-bini ta' serer, il-ġestjoni ta' riżorsi tal-ilma għall-agrikoltura u li l-art imniġġsa tagħmel anqas ħsara lill-ambjent;

- barra minn hekk, miżura oħra għandha tkun pjan għall-futur bil-għan li jiġu eliminati l-kawżi tat-tibdil fil-klima bil-promozzjoni ta' ekonomija globali bbażata fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, u fuq il-promozzjoni tas-sigurtà fil-provvista tal-enerġija;
- 11. Jenfasizza li l-emissjonijiet ta' ossidu nitruż jistgħu jitnaqqsu permezz ta' użu aktar effiċjenti tal-fertilizzanti tan-nitroġenu (l-agrikoltura ta' preċiżjoni); jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li l-fertilizzazzjoni bl-użu tar-residwu tal-massa mill-produzzjoni tal-bijogass tipprovdni opportunitajiet għall-fertilizzazzjoni organika ta' preċiżjoni u għalhekk għat-tnaqqis tal-emissjonijiet;
- 12. Jitlob għal tisħiħ fir-riċerka dwar l-għalf għall-bhejjem u l-għażla ġenetika ta' bhejjem tat-trobbija bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metanu, sakemm miżuri ta' mitigazzjoni bħal dawn ma jiġux adottati jekk jipperikolaw is-saħħa jew il-benesseri tal-annimali; jitlob ukoll li jkun hemm programm ta' informazzjoni għall-edukazzjoni tal-konsumaturi dwar l-impatt tal-imġiba tax-xiri u tal-preferenzi tal-ikel tagħhom fuq il-klima;
- 13. Iħeġġeġ ukoll biex il-miżuri jiġu adottati bl-għan li titħaffef u tiġi intensifikata r-riċerka fit-tkattir tal-pjanti sabiex l-uċuħ tar-raba' jkunu jistgħu jifilħu aktar għall-kundizzjonijiet klimatiċi l-ġodda u biex ikunu jistgħu jiġu ffaċċjati l-isfidi li joħolqu dawn il-bidliet, partikolarment billi tinżamm kwantità xierqa ta' materja prima ta' kwalità tajba, li tiggarrantixxi l-provvista tal-ikel; jemmen li riċerka bħal din għandha tiffoka prinċipalment fuq il-varjetajiet ta' pjanti reżistenti għan-nixfa u temperaturi għoljin u t-tekniki rilevanti tal-uċuħ tar-raba'; jenfasizza wkoll li dawn il-varjetajiet jistgħu joffru alternattiva vijabbli għas-sistemi tal-irrigazzjoni attwali li jiswew il-flus u mhumiex effiċjenti u li jinsabu f'xi żoni, u għandhom ukoll il-vantaġġ li jintlaqgħu aħjar mill-komunitajiet lokali;
- 14. Jenfasizza li l-ottimizzazzjoni tal-ħżin u t-tifrix tal-fertilizzant organiku u t-trattament ta' dan il-fertilizzant f'digesters anerobiċi bħalissa huma fost it-tekniki l-aktar promettenti għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metanu (filwaqt li jipprovdu sors ta' enerġija li tiġġedded) u limitazzjoni tad-dipendenza minn fertilizzanti kimiċi tan-nitroġenu, b'mod partikolari fir-reġjuni b' densità għolja ta' trobbija; iqis li dan il-bijogass jgħin biex l-agrikoltura ssir awtosuffiċjenti fl-enerġija;
- 15. F'dan ir-rigward, jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jkun jista' jintuża diġestat mill-impjanti tal-fermentazzjoni tad-demel għall-produzzjoni tal-bijogass bħala sostitut għall-fertilizzant artifiċjali mingħajr ma dan jidħol fil-kategorija ta' "demel tal-annimali", sabiex l-użu tal-fertilizzant artifiċjali jkun jista' jkompli jonqos;
- 16. Jitlob li jiżdiedu l-isforzi tas-simplifikazzjoni amministrattiva u tar-riċerka u tal-iżvilupp għall-użu u l-promozzjoni tal-bijomassa li tinstab fil-farms (skart agrikolu jew forestali), il-bijogass li jirriżulta mit-trobbija u agrofjuwils sostenibbli oħra, sakemm dawn ma jipperikolawx is-sigurtà tal-ikel;
- 17. Jenfasizza li l-prinċipju tas-sostenibilità jrid jiġi infurzat meta tintuża l-bijomassa;

għalhekk iqis li għandu jiġi mħeġġeġ l-użu tagħha qrib kemm jista' jkun tal-post tal-produzzjoni tal-materja prima agrikola, li jippermetti biex jitnaqqas it-telf ta' enerġija minħabba trasport;

18. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-użu tal-bijomassa għat-tisħin jista' jnaqqas b'mod konsiderevoli l-konsegwenzi negattivi tat-tibdil fil-klima; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu għajnuna għall-iżvilupp rurali lill-iskejjel pubbliċi rurali li jibdedw jużaw sistemi ta' tisħin ibbażati fuq il-bioenerġija;
19. Jenfasizza li użu aktar estensiv tal-ICT jista' jtejjeb il-monitoraġġ ta' diversi fażijiet tal-produzzjoni u jtejjeb il-ġestjoni tagħhom biex tiżdied il-produzzjoni f'relazzjoni mal-użu tal-mezzi tal-produzzjoni u, fl-istess ħin, jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-konsum tal-enerġija; jenfasizza, bl-istess mod, li l-użu aktar estensiv tal-ICT, l-integrazzjoni tal-politiki għall-promozzjoni tat-taħriġ għall-bdiewa f'teknoloġiji ġodda u l-appoġġ għall-innovazzjoni u l-intraprenditorija fost il-bdiewa żgħażagħ, b'mod partikolari huma temi importanti, kemm biex il-agrikoltura ssir aktar sostenibbli mil-lat ambjentali kif ukoll biex is-settur isir aktar kompetittiv.
20. Jenfasizza li l-Unjoni hi l-ikbar importatur tal-prodotti agrikoli, u dan jirrappreżenta spiża ikbar mil-lat ta' karbonju minn dik tal-produzzjoni Ewropea, minħabba standards ambjentali li sikwit ikunu aktar baxxi f'pajjiżi terzi u minħabba emissjonijiet li jirriżultaw mit-trasport fuq distanzi twal u d-diforestazzjoni; iqis li jeħtieġ li l-konsumaturi jiġu infurmati permezz ta' strateġija ta' komunikazzjoni speċifika, dwar il-benefiċċji ta' dieta bbilanċjata u tajba għas-saħħa li tkun komposta minn prodotti reġjonali staġjonali ta' kwalità għolja, u li jkunu prodotti minn agrikoltura sostenibbli u effiċjenti, li l-marka tal-karbonju tagħha tkun iddifferenzjata minn dik ta' prodotti importati; iqis ukoll li jeħtieġ li l-bdiewa Ewropej jiġu kumpensati b'mod ġust għall-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom u tiġi mħeġġa d-diversifikazzjoni fil-farms lokali (fost l-oħrajn permezz tal-iżvilupp tal-proteini veġetali fl-UE);
21. Japprova, f'dan ir-rigward, l-idea ta' ttikkettar volontarju tal-orijini tal-UE fil-każ ta' prodotti li joriġinaw għal kollox mill-Unjoni Ewropea;
22. Jitlob għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' kontrolli effikaċi fuq il-prodotti impurtati minn pajjiżi terzi u jappoġġa r-reċiproċità sħiħa bejn il-kriterji li għandhom jintlaħqu mill-produtturi Ewropej biex jilqgħu għat-tibdil fil-klima, u tar-rekwiżiti li japplikaw għall-prodotti importati minn pajjiżi terzi, sabiex jiġi evitat kull telf fil-kompetittività tal-prodotti Komunitarji;
23. Jenfasizza l-fatt li l-Unjoni għandha tinvesti fil-politika tal-iżvilupp rurali u tal-ġestjoni tal-foresti sabiex tikkoopera fit-tixrid ta' Prattiki ġodda u tippromwovi l-iżvilupp ta' sistemi agrikoli sostenibbli oħra fid-dinja;

### **Miżuri ta' adattament tal-agrikoltura Ewropea għall-konsegwenzi tat-tisħin**

24. Jenfasizza li l-agrikoltura Ewropea qiegħda tadatta ruħha u għandha tkompli tadatta ruħha għall-konsegwenzi tat-tibdil li qed iseħħ fil-klima u għandha tħejji ruħha għall-impatt li se jkollu dan it-tibdil għal diversi reġjuni tal-Unjoni;
25. Iqis, f'dan il-kuntest, li l-Unjoni għandha tiżviluppa strateġija koerenti ta' adattament tal-



agrikoltura għat-tipi differenti ta' konsegwenzi klimatiċi negattivi li se jirriżultaw:

- minn naħa t-tiġin tal-klima medja;
- min-naħa l-oħra l-varjabilità iktar kbira tal-kundizzjonijiet klimatiċi, li wieħed jinnotta permezz tal-multipliċità tal-episodji estremi;

26. Iqis li l-PAK għandha tkun iffokata fuq ġestjoni iktar effikaċi u sostenibbli tar-riżorsi u li dan għandu jitqies fir-riforma li jmiss tal-PAK, inkluż pereżempju:

- il-ġestjoni bl-aħjar mod tar-riżorsi tal-ilma (sistemi ta' tisqija iktar effikaċi, l-użu tal-ilma reċiklat, prattiki għall-konservazzjoni tal-ilma fir-raba', ġwiebi eċċ.), l-għoti ta' responsabbiltà lill-utent;
- l-għażla ta' varjetajiet, magħżula partikolarment għal kemm huma robusti f'dak li għandu x'jaqşam ma' sitwazzjonijiet estremi, u l-prattika tan-newba billi jitqiesu n-nixfa, il-mard, eċċ;
- il-protezzjoni tal-ħamrija (biż-żamma tal-materjal organiku tagħha) mill-erożjoni minħabba l-ilma u minħabba r-riħ;
- it-tħawwil ta' siġar, sisien tal-ħaxix jew ta' żoni bis-siġar fit-trufijiet tal-oqsma tal-biedja biex jinżamm l-ilma, biex iżommu l-ilma milli jintilef fil-widien u biex iservu ta' lqugħ kontra r-riħ u ta' kenn għall-ħlejjaq li jiproteġu l-uċuħ tar-raba' bħalma huma l-insetti li jgħorru t-trab tad-dakra;
- il-manutenzjoni ta' merġat u l-promozzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem fil-merġat;
- il-miżuri ta' sorveljanza u ta' kontroll tal-mard; f'dan il-qafas, il-ħolqien ta' dispożizzjonijiet nazzjonali u wara Ewropej ta' segwitu tal-emerġenzi u tal-emerġenzi mill-ġdid li jidhru neċessarji;
- il-miżuri ta' sorveljanza u ta' kontroll tal-insetti; f'dan il-kuntest, is-segwitu tal-potenzjal tal-invażività u l-miżuri tal-protezzjoni tas-saħħa (kontrolli msaħħa fil-fruntieri u fil-postijiet sensitivi, bħall-mixtliet u l-ajruporti, miżuri ta' bijosigurtà) għandhom jiġu żviluppati;
- ir-rijabilitazzjoni ta' ambjenti degradati;
- il-manutenzjoni ta' foresti adattati għat-tibdil fil-klima u l-ġestjoni ta' foresti għat-tnaqqis tar-riskju ta' nirien;

27. Jenfasizza li jista' jkun meħtieġ li mhux biss tiġi introdotta il-ġestjoni tal-ilma fl-artijiet li kienu inondabbli minħabba l-kundizzjonijiet ħżiena lokali imma li ġew ixxuttati, imma wkoll li jiġi eżaminat mill-ġdid l-irregolar tal-kors tal-ilma, li l-artijiet inondabbli jingħataw ħajja mill-ġdid u li fihom jitħawwlu foresti mill-ġdid;

### **L-implikazzjonijiet għall-mudell agrikolu Ewropew**

28. Jenfasizza li l-PAK se jkollha tikkontribwixxi għal politika agrikola aktar sostenibbli, filwaqt li jizjed id-dħul u nżommu f'moħħna li t-tiġin klimatiku jista' jixħet dubji dwar

il-ħila tal-produzzjoni u tal-alimentazzjoni tal-popolazzjoni tad-dinja, inkluża l-Ewropa;

29. Iqis fl-istess ħin li l-PAK għandha tinkoraġġixxi mil-lat finanzjarju lill-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri biex jadottaw miżuri favur:

- il-kostituzzjoni mill-ġdid tal-kapaċità ta' produzzjoni u ta' protezzjoni tal-ekosistemi naturali, tal-koltivazzjonijiet agrikoli u ta' riżorsi oħra milquta min-nixfa u mid-deżertifikazzjoni jew mill-għargħar;
- it-titjib tal-modi ta' użu tar-riżorsi tal-ilma, tal-ħamrija u tal-veġetazzjoni, li biż-żmien urew li huma limitati;
- l-adozzjoni ta' miżuri ta' identifikazzjoni, ta' titjib u ta' promozzjoni tal-varjetajiet ta' pjanti u ta' speċi ta' annimali fiż-żoni ta' nixfa u/jew esposti għal riskju ta' deżertifikazzjoni;
- it-titjib tal-miżuri preventivi;

30. Jinnota li l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq l-agrikoltura huwa dirett u ta' ħafna ħsara u li, minħabba dan, għandha tingħata prijorità lill-agrikoltura meta jitħejjew miżuri maħsuba biex itaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima;

31. Huwa tal-opinjoni li l-‘isfidi l-ġodda’ msemija fil-Verifika tas-Saħħa tal-PAK, jiġifieri t-tibdil fil-klima, il-ġestjoni tal-ilma, l-enerġiji rinnovabbli u l-bijodiversità, għandhom jiġu mtennija u r-rispett għal u t-titjib tal-kwalità tal-ħamrija u l-funzjonijiet tagħha (qbid tal-karbonju, kapaċità ta' żamma tal-ilma u elementi minerali, ħajja bijoloġika...) għandhom jiżdiedu wkoll ma' dawn l-isfidi minħabba li dawn kollha huma kwistjonijiet ewlenin li jaffettwaw l-interessi tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni, u għandhom jitqiesu iktar fil-PAK futura;

32. Jinnota li s-sistema attwali ta' ekokundizzjonalità, li tfasslet biex tiżgura li l-produtturi agrikoli jiksbu standards għoljin ħafna f'termini ta' benesseri tal-annimali, is-saħħa tal-annimali u l-protezzjoni tal-ambjent, kienet problematika għall-bdiewa u, fil-forma attwali tagħha, forsi ma kinitx l-aqwa mezz għall-kisba tar-riżultati mixtieqa; jitlob, fil-kuntest tar-riforma tal-PAK li jmiss, li jkun hemm iktar enfasi fuq mudelli ta' produzzjoni iktar sostenibbli u effiċjenti, filwaqt li jitqies li dawn jeħtieġu l-finanzjament pubbliku sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jkopru l-ispejjeż żejda li jirriżultaw mill-provvista ta' ‘oġġetti pubbliċi’ ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha (bħall-preservazzjoni taż-żoni rurali, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, il-qbid tal-karbonju u s-sigurtà tal-ikel);

33. Jirrikonoxxi li l-PAK għandha tiffissa l-kriterji l-iktar għoljin fid-dinja fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent; josserva li minn dan se jirriżultaw spejjeż li se jkunu impossibbli li jiġu rikoperti mis-suq, għalkemm dan jista' jitqies parzjalment bħala forniment ta' beni pubbliċi, u li se jkun neċessarju li l-produtturi Ewropej jiġu protetti mill-pajjiżi terzi, li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ambjent;

34. Jemmen li t-tibdil fil-klima qed iġiegħel lill-Unjoni tadatta l-mudell tal-politika agrikola; konsegwentement jistieden lill-Kummissjoni, fil-kommunikazzjoni futura dwar ir-riforma tal-PAK wara l-2013, biex tippromwovi mudell agrikolu iktar sostenibbli u effiċjenti

skont l-għanijiet tal-PAK, preparati biex jipproduċu ikel suffiċjenti u sikur u b'iktar rispett għall-bilanċ ambjentali; mudell bħal dan għandu jkun ibbażat fuq sistema ta' appoġġ ġusta u leġittima għall-bdiewa u għandu jsaħħa ir-rwol tal-professjoni tal-biedja;

35. Jemmen li sabiex l-agrikoltura Ewropea fil-futur tkun tista' tikkontribwixxi għas-sikurezza tal-ikel u għall-protezzjoni tal-ambjent, li hu meħtieġ li tinżamm PAK ambizzjuża li tkun tintegra, b'mod partikolari, is-sistema ta' hłasijiet diretti ffinanzjati mill-baġit Komunitarju u tal-hłasijiet sempliċi u iktar ekwi fl-Unjoni kollha;
36. Jistieden lill-Kummissjoni konsegwentement biex, fil-qafas tar-riforma tal-politika agrikola komuni, tqis il-fatt li l-Istati Membri li jinsabu fin-Nofsinhar tal-Unjoni Ewropea, mhux biss huma milquta b'iktar mod qawwi mill-konsegwenzi diretti tat-tibdil fil-klima, imma jbatu wkoll mill-influwenza indiretta tiegħu fuq il-possibilitajiet ta' diversifikazzjoni peress li din tikkostitwixxi fattur determinanti għall-iżvilupp tal-adattabilità li timponi ruħha, għall-limitazzjoni tal-vulnerabilità u għat-tnaqqis tad-differenzi reġjonali;
37. Jissottolinja li hu importanti li tinħoloq u li tiġi garantita b'mod permanenti bażi għall-iżvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi alternattivi li jnaqqsu l-grad tad-dipendenza tal-komunitajiet lokali fir-rigward tal-produzzjoni agrikoli milquta min-nixfa jew għar-riżorsi naturali; jissottolinja li l-aċċess għall-finanzjarment tal-Fondi Ewropej huwa determinanti biex jiggarantixxi l-kundizzjonijiet ta' żvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi alternattivi;
38. Jiġbed l-attenzjoni fuq l-importanza tal-promozzjoni tal-prattiki ta' ppjanar integrat tal-iżvilupp fiż-żoni rurali skont il-bżonnijiet lokali, permezz tal-introduzzjoni ta' prinċipji ta' ottimizazzjoni tal-użu tal-art, għall-adattament għall-kundizzjonijiet ambjentali ġodda (nixfa fit-tul, ċedimtn tal-art, għargħar, eċċ.) tas-suq tal-beni u tas-servizzi prodotti fil-livell lokali;
39. Jitlob ukoll lill-Kummissjoni sabiex tirrifletti dwar sistemi ta' għajnuna ġodda għall-appoġġ għall-kontribut tal-agrikoltura fit-tnaqqis tas- CO<sub>2</sub> bħall-assimilazzjoni tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa agrikola u li jagħmluha possibbli li jiġi promoss l-użu tal-art agrikola, ħaġa li għandha rwol pożittiv fir-rigward tat-tibdil tal-klima;
40. Jenfasizza li hu meħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tagħmel stima korretta tal-ispejjeż marbuta mal-adattament tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima;
41. Iqis li hu neċessarju li l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskji u tal-kriżijiet jissaħħu u jiġu adattati għall-volatilità dejjem akbar tas-swieq u għal riskji klimatiki akbar;
42. Jenfasizza, minħabba l-kobor tal-isfida tal-klima u l-investment, li l-oqsma tal-agrikoltura u l-foresti għandhom jiddedikaw ħin għal metodi ta' produzzjoni iktar sostenibbli u li hu meħtieġ li tinżamm PAK soda b'baġit xieraq għal wara l-2013; iżid li l-ħtieġa għal iktar riżorsi finanzjarji biex titħeġġeġ it-tixrid ta' teknoloġiji u sistemi moderni u innovattivi bil-potenzjal li jagħtu riżultati konkreti f'termini ta' mitigazzjoni u adattament fid-diversi setturi agrikoli;
43. Jenfasizza li, filwaqt li l-PAK mhijiex politika Ewropea bbażata fuq il-klima, din

madankollu għandha tippovdi bażi għall-introduzzjoni ta' għodda u inċentivi effikaċi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u li dan l-element għandu jitqies waqt id-dibattitu dwar il-baġit tal-UE futur;

44. Hu tal-fejhma li l-Unjoni Ewropea għandha żżomm il-pożizzjoni tagħha ta' mexxejja fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li din il-kwisjoni m'għandhom tiegħu t-tieni post minħabba d-diffikultajiet ekonomiċi attwali;
45. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea teħtieġ politiki għall-iżvilupp u għall-finanzjament tal-agrikoltura li jggarantixxu ikel sikur u ta' kwalità għolja;
46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

It-tibdil fil-klima huwa realtà inkontestabbli. It-temperaturi medji tad-dinja f' seklu telgħu bi kważi 0.8 °C u l-maġġoranza tax-xjenzati tqis li t-tiżhin għad ikun iktar mgħaġġel sa tmiem is-seklu 21 minħabba l-akkumulazzjoni storika tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) fl-atmosfera. L-IPCC (il-Grupp ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima) jikkalkula żieda ta' bejn 1.1 °C (fl-aħjar xenarju) u + 6.4 °C, bil-konsegwenzi negattivi kollha li dan jista' jkollu fuq l-ekosistemi u li llum il-ġurnata huwa diffiċli li wieħed jimmaġina kemm se jkunu kbar.

L-agrikoltura hija kkonċernata direttament għax hija timmaniġġja r-riżorsi tal-art li jippermettu li l-umanità tgħix.

Hija s-sors ta' parti mill-emissjonijiet ta' GHG filwaqt li hija esposta ħafna għall-konsegwenzi tat-taqlib fil-klima. Fi ħdan l-UE, l-agrikoltura tirrappreżenta kważi 9 % ta' dawn l-emissjonijiet u t-tiżhin diġà ħalla xi konsegwenzi viżibbli, li fosthom l-iktar li huma notevoli huma ż-żieda fin-nixfa fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u ż-żieda fil-livelli tal-ilmijiet fil-pajjiżi tat-Tramuntana.

Iżda l-agrikoltura tista' wkoll tikkontribwixxi biex issolvi dawn il-problemi. Hija għandha potenzjal kbir li tiegħu sehem b'mod attiv u pożittiv fl-isforzi biex jittaffa t-tiżhin, fil-qafas ta' PAK b'saħħitha biex isservi għall-iżvilupp sostenibbli u ekonomikament vijabbli. Hija għandha wkoll il-kapaċità li tadatta ruħha għall-konsegwenzi tal-bidliet li għaddejjin, billi sserraħ fuq il-ħiliet tal-bdiewa, it-taħriġ professjonali, il-kunsilli agrikoli u l-iżvilupp tar-riċerka u tal-innovazzjoni.

### **Ir-responsabilità tal-agrikoltura fit-tibdil fil-klima**

Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-agrikoltura fl-2007 kienet tirrappreżenta 9.3 % tal-emissjonijiet totali tal-GHG tal-UE b'27 pajjiż (li minnhom, 5 % mill-emissjonijiet kienu ossidu tan-nitroġenu u 4.3 % tal-emissjonijiet kienu metanu, filwaqt li l-parti tad-CO2 marbuta mal-produzzjoni agrikola hija insinifikanti ħafna), meta mqabbel ma' 11 % fl-1990.

L-ossidu tan-nitroġenu (N<sub>2</sub>O) jidher mill-fertilizzanti tan-nitroġenu ta' oriġini organika u minerali, filwaqt li l-metanu (CH<sub>4</sub>) jirriżulta essenzjalment mill-proċess tad-diġestjoni tal-bhejjem, u mill-ħażna u mit-tifrix tad-demel likwidu.

It-tnaqqis fl-emissjonijiet agrikoli rreġistrati fl-UE sa mill-1990 huwa marbut mat-tnaqqis fl-għadd tal-bhejjem, mal-użu iktar sostenibbli tal-fertilizzanti u mal-ġestjoni aħjar tad-demel.

### **Il-kontribut tal-agrikoltura Ewropea fl-isforzi ta' tnaqqis**

#### **- Id-dimensjoni interna**

L-agrikoltura Ewropea tista' tikkontribwixxi bi tliet modi għall-oġġettivi stipulati mill-UE biex jittaffa t-tiżhin: billi toffri xi soluzzjonijiet biex tillimita u tnaqqas l-emissjonijiet tagħha

stess ta' GHG, billi tiffavorixxi l-ħażna tal-karbonju fil-ħamrija u billi tiżviluppa enerġiji rinnovabbli sostenibbli. Għal dan huwa meħtieġ li jithegġegħ l-iżvilupp ta' agrikoltura differenti li tirrikonċilja aħjar il-ħtiġijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali mal-potenzjalitajiet naturali ta' kull ekosistema.

- Konservazzjoni tal-ħamrija biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u jinħażen id-CO<sub>2</sub>

L-agrikoltura u l-foresta huma s-setturi ekonomiċi ewlenin li jistgħu jaqdbu s-CO<sub>2</sub> li jirriżulta mill-attivitajiet tal-bniedem, li jikkonservaw u jaħżnu l-karbonju fil-ħamrija permezz tal-kapaċità tagħhom ta' mħażen, u li jassimilaw fil-ħxejjex permezz tal-fotosintesi.

Għaldaqstant, il-PAK għandha thegġegħ il-prattiki agrikoli li jippermettu li l-emissjonijiet tal-GHG jiġu limitati u/jew li l-assimilazzjoni tal-karbonju titjeb.

L-agrikoltura bijoloġika u l-prattiki ta' ġlieda integrata, li jagħmlu parti mis-sistemi effiċjenti fuq il-livell ekoloġiku, għandhom jiġu żviluppati. Iżda huwa meħtieġ li jinstabu wkoll xi soluzzjonijiet ta' tranżizzjoni lejn agrikoltura iktar sostenibbli għas-sistemi l-oħra li jokkupaw il-maġġoranza taż-żoni agrikoli.

Dawn is-soluzzjonijiet jeżistu. Se jkun meħtieġ b'mod partikolari li fil-PAK jiġu kkunsidrati l-esperjenzi li juru li t-tekniki (bħall-agrikoltura ta' konservazzjoni) li jgħaqqdu ħidma simplifikata tal-ħamrija li tiżgura uċuħ ħodor (ħart imnaqqas jew l-ebda ħart, iż-żamma ta' residwi tal-uċuħ tar-raba' fl-għelieqi) u li jiffavorixxu interkulturi u t-tinwib tal-għelejjel, jippermettu li jsir l-aħjar użu mill-fotosinteżi u li jiġi f'favorit it-titjib tal-ħamrija f'elementi organiċi. Dan intwera b'mod partikolari mill-proġett SoCo mniedi fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew. U dawn il-prattiki għandhom ukoll vantaġġ ekonomiku billi jnaqqsu l-użu tal-enerġija u ta' ċerti fatturi tad-dħul.

Fost is-soluzzjonijiet addizzjonali li għandhom jithegġgu hemm:

- l-iżvilupp tal-agroforestrija, l-ilqugħ tal-ħaxix (hedges), l-imsaġar fuq il-biċċiet tal-art, is-sistemi tal-mergħat permanenti jew temporanji, kif ukoll it-tisġir mill-ġdid;
- l-iżvilupp ta' mergħat permanenti u ta' żoni bil-ħaxix;
- il-protezzjoni tal-artijiet li għandhom ħafna karbonju bħall-artijiet tal-pit (projbizzjoni tat-tkabbir tal-uċuħ tar-raba') u l-artijiet mistagħdra (it-tkabbir ta' uċuħ adegwati bħall-qasab minflok it-tinxif tal-art mistagħdra);
- il-modernizzazzjoni tal-farms (iżolament tal-bini, tagħmir effiċjenti mil-lat enerġetiku u l-użu ta' enerġija li tiġġedded);

Il-PAK tal-futur għandha thegġegħ l-iżvilupp ta' dawn il-prattiki permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' taħriġ, miżuri ta' inċentivi u investimenti fir-riċerka, iktar milli jippermettu wkoll il-ġlieda kontra d-degradazzjoni tal-ħamrija, it-tnaqqis fl-ilma u t-tniġġis, u l-preservazzjoni tal-bijodiversità.

Wasal ukoll iż-żmien li tiġi stabbilita politika reali tal-forestrija bil-promozzjoni tal-ġestjoni u tal-produzzjoni sostenibbli tal-foresti u bil-valorizzazzjoni aħjar tal-kontributi tas-settur tal-foresti, billi dan is-settur huwa dak li jikkontribwixxi l-iktar għall-qbid tal-karbonju.

- Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metanu u tal-ossidu tan-nitroġenu

L-ikbar potenzjal ta' tnaqqis tal-GHG ta' oriġini agrikola jinsab fil-livell tal-ossidu tan-nitroġenu, li l-emissjonijiet tiegħu jistgħu jitnaqqsu permezz ta' applikazzjoni minima u iktar effikaċi tal-fertilizzanti tan-nitroġenu (agrikoltura ta' preċiżjoni), l-użu ta' fertilizzanti organiċi abbażi ta' skart irkuprat (bijomassa lokali mill-kultivazzjoni ta' diversi uċuħ u skart organiku ieħor), l-iżvilupp ta' uċuħ tar-raba' intermedji bħal-legumi għall-għalf u r-riċerka tal-varjetajiet il-ġodda b'potenzjal qawwi ta' qbid tal-karbonju u tan-nitroġenu.

Huwa possibbli li jitnaqqu l-emissjonijiet tal-metanu billi jitjiebu:

- it-tekniki tat-trobbija tal-annimali (bidla fid-dieta tal-annimali li jixtarru b'mod partikolari billi tiżdied il-porzjon tagħhom tal-lipidu, l-għażla ġenetika, eċċ.). Għaldaqstant, huwa meħtieġ li tiġi rinfurzata r-riċerka u jitwaqqaf programm tal-ikel li fl-istess ħin jippermetti li titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq il-proteini veġetali impurtati;
- l-ġestjoni tad-demel tal-annimali (titjib tas-sistemi ta' ħażna u ta' tiffrix fuq l-uċuħ tar-raba', u l-ipproċessar fil-fabbriki tal-bijogass – waħda mit-tekniki l-iktar promettenti fil-qasam tat-tnaqqis fl-emissjonijiet u l-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli, b'mod partikolari fir-reġjuni fejn hemm densità għolja ta' trobbija tal-annimali).

- Sors ta' enerġiji rinnovabbli

L-agrikoltura hija b'mod partikolari affettwata mill-objettivi tal-UE fil-qasam tal-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli.

Huwa meħtieġ li jitħaffu l-isforzi tar-riċerka u l-iżvilupp biex tintuża u tiġi valorizzata l-bijomassa agrikola, kemm jekk tkun tirriżulta mill-iskart agrikolu, tal-foresti jew mid-demel tal-annimali jew mill-produzzjoni tal-bijofjuwils sostenibbli, bil-kundizzjoni li dawn tal-aħħar ma jqegħdux is-sigurtà tal-ikel f'periklu.

### **- Id-Dimensjoni internazzjonali**

L-UE hija l-akbar importatur tal-prodotti agrikoli u dan jirrappreżenta impatt tal-karbonju ikbar minn dik tal-produzzjonijiet Ewropej minħabba kriterji ambjentali sikwit inqas għoljin fil-pajjiżi terzi u l-emissjonijiet li ġejjin mit-trasport fuq distanzi twal. Huwa meħtieġ li l-konsumaturi jiġu infurmati permezz ta' tikkettar adegwat (il-marka tal-karbonju), li l-isforzi magħmula mill-bdiewa Ewropej biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom jiġu kkompensati u li titħeġġeġ id-diversifikazzjoni tal-prodotti lokali (b'mod partikolari l-iżvilupp tal-proteini veġetali fl-UE).

L-UE għandha wkoll tinvesti mill-ġdid fil-politika tal-iżvilupp agrikolu biex tikkopera għat-tixrid tal-prattiki l-ġodda u tiffavorixxi l-iżvilupp ta' agrikolturi sostenibbli oħra fid-dinja biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel. Hija għandha wkoll dmir morali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima meta mqabbla mar-reġjuni kollha li jistgħu jkunu vittmi ta' dan il-fenomeni (in-nixfa, iż-żieda fil-livelli tal-ilma u fenomeni klimatiċi estremi oħra).

### **Miżuri agrikoli ta' adattament għat-tisħin**

Fl-istess ħin mal-isforzi biex jittaffa t-tisħin, l-agrikoltura se jkun jeħtiġilha li tadatta ruħha għat-tibdil fil-klima li għaddej.

Minbarra xi eċċezzjonijiet għal ċerti produzzjonijiet fit-Tramuntana tal-Ewropa, l-esperti jaqblu meta jgħidu li l-impatt ta' dawn il-bidliet se jkun ġeneralment wieħed negattiv għall-agrikoltura Ewropea, b'mod partikolari fir-reġjuni tan-Nofsinhar u tax-Xlokk.

Il-PAK għandha tħeġġeġ il-miżuri agronomiċi ewlenin ta' adattament li huma:

- il-ġestjoni bl-aħjar mod tar-riżorsi tal-ilma (sistemi ta' tisqija iktar effikaċi, ġwiebi tal-ilma fl-għoljiet, eċċ.);
- l-għażla ta' varjetajiet u l-prattika tan-newba billi jitqiesu n-nixfa, il-mard, eċċ;
- il-protezzjoni tal-ħamrija (billi tiġi żgurata s-sustanza organika tagħhom) mill-erożjoni bl-ilma u bir-riħ;
- it-tħawwil ta' sisien tal-ħaxix jew ta' żoni bis-siġar fit-trufijiet tal-oqsma tal-biedja biex jinżamm l-ilma, biex iżommu l-ilma milli jintilef fil-widien u biex iservu ta' lqugħ kontra r-riħ u ta' kenn għall-ħlejjaq li jipproteġu l-uċuħ tar-raba' bħalma huma l-insetti li jgħorru t-trab tad-dakra;
- il-miżuri ta' sorveljanza u ta' kontroll tal-insetti u tal-mard;
- il-ġestjoni forestali li tillimita r-riskju ta' nirien.

### **L-implikazzjonijiet għall-mudell agrikolu Ewropew**

Il-PAK se jkun jeħtiġilha li twieġeb għad-domanda li qed tiżdied tal-opinjoni pubblika favur politika agrikola iktar sostenibbli, filwaqt li żżomm f'moħħha li t-tiħin tal-klima jista' jqiegħed f'periklu l-kapaċità tal-produzzjoni u tal-ikel tal-popolazzjoni fid-dinja, inkluż fl-Ewropa.

Skont il-FAO, il-produzzjoni dinjija tal-ikel għandha tiżdied b'70 % sal-2050 biex jintemgħu 9 biljun individwu. Il-PAK, l-istess bħall-agrikolturi l-oħra tad-dinja, se jkun jeħtiġilha tipproduċi iktar filwaqt li tirrispetta aħjar il-bilanċi naturali.

Għalissa, din il-politika ma tittrattax il-kwistjonijiet ambjentali b'mod koerenti u hija tagħmel dan mingħajr approċċ komprensiv. L-“isfidi l-ġodda” li huma t-tibdil fil-klima, il-ġestjoni tal-ilma, l-enerġiji rinnovabbli u l-bijodiversità ma ġewx ikkunsidrati biżżejjed waqt il-“Health Check” tal-PAK. Huwa meħtieġ li dawn l-isfidi jiġu trattati permezz tal-istrumenti kollha tal-PAK u mhux biss b'allowances tat-tieni pilastru.

Barra minn hekk, is-sistema attwali tat-transkonformità bbażata fuq obbligu fir-rigward tal-metodi iktar milli r-riżultati hija kumplessa ħafna għall-bdiewa filwaqt li mhijiex ta' natura li twieġeb għall-isfidi ambjentali. Jeħtieġ li tintuża metodoloġija oħra bbażata fuq orjentazzjoni mill-ġdid lejn mudelli ta' produzzjoni sostenibbli u dan jeħtieġ kumpensi biex jiġu koperti l-ispejjeż addizzjonali marbuta ma' dawn l-oġettivi (kuntratti lokali ta' ċertifikazzjoni transkonfinali) u l-ħlas tas-servizzi mogħtija lis-soċjetà għall-provvista ta' “beni pubbliċi” (il-manutenzjoni taż-żoni rurali, il-preservazzjoni tal-bijodiversità, il-qbid tal-karbonju, is-sigurtà tal-ikel, eċċ).

It-tiħin tal-klima jobbligana biex noħolqu mudell ta' żvilupp ġdid. Biex terġa' ssir leġittima quddiem l-opinjoni pubblika u biex terġa' tagħti sens lis-sengħa tal-bdiewa, il-PAK għandha ssir politika agrikola fuq il-livell tal-ikel u tal-ambjent, b'sistemi ta' għajjnuna għall-produzzjoni li jkunu iktar ġusti u iktar sostenibbli, kompluti b'għodod ta' regolazzjoni



maħsuba mill-ġdid biex jiġu affrontati l-volatilità li qed tiżdied tas-swieq u r-riskji akbar għas-saħħa.

Fl-aħħar nett, billi l-isfida tal-klima u l-investimenti meħtieġa f'modi ta' produzzjoni iktar sostenibbli huma kbar, l-isforzi tar-riċerka u l-mezzi baġitarji tal-PAK futura wara l-2013 għandhom ikunu adegwati.

3.3.2010

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA**

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar l-agrikoltura tal-UE u t-tibdil fil-klima  
(2009/2157(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Francisco Sosa Wagner

### **SUĠĠERIMENTI**

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi s-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija għandhom potenzjal sinifikanti fit-tnaqqis tat-tniġġis u jistgħu jservu ta' katalista fl-isforzi biex jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima u t-tisħin globali,
1. Jenfasizza li l-agrikoltura hija settur produttiv li jintlaqat mill-konsegwenzi u mill-pressjonijiet tat-tibdil fil-klima, iżda fl-istess ħin hija wkoll marbuta direttament mal-għanijiet tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew billi tgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u biex jiġu ffrankati r-riżorsi tal-ilma filwaqt li tkun żgurata l-ġestjoni xierqa tagħhom, jew billi tagħti spinta lill-produzzjoni u lid-deċentralizzazzjoni ta' sorsi sostenibbli ta' enerġija rinnovabbli;
  2. Jirrimarka li, minkejja li jkun għamel kontribuzzjoni biex inaqqsu emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-involviment tas-settur agrikolu fil-għieda kontra l-bidla fil-klima għandu wkoll ikun inkorporat fit-triangolu usa' ta' ikel-agrikoltura-enerġija; jenfasizza li dan l-involviment primarjament jinvolve sfruttament aħjar tal-bijomassa - jew billi jiġu sfruttati l-prodotti żejda tal-agrikoltura jew billi tiġi appoġġjata l-produzzjoni ta' bijofjuwils sostenibbli - filwaqt li tinżamm il-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità u livelli għolja ta' sikurezza fl-ikel u billi l-konsumaturi jiġu ggwidati lejn mudell tal-ikel li se jagħmel kontributakbar lejn il-ġestjoni sostenibbli tal-ambjent;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni biex talloka aktar riżorsi baġitarji għar-riċerka u l-iżvilupp, b'kollaborazzjoni mal-atturi kollha rilevanti, b'mod partikolari s-soċjetà ċivili u l-bdiewa,

bil-għan li jkun hemm titjib rigward l-ambjent u l-klima, fl-oqsma prijoritarji li ġejjin:

- (a) il-produzzjoni u l-użu tal-bijogass u tal-bijofjuwils sostenibbli prodotti minn prodotti sekondarji u minn skart tal-agrikoltura u tal-forestrija, filwaqt li jitqies l-impatt li l-produzzjoni tal-bijofjuwils għandhom fuq l-ambjent (bidla indiretta fl-użu tal-ħamrija, telf tal-bijodiversità, eċċ) u fuq is-sigurtà tal-ikel, filwaqt li jitqiesu wkoll il-linji gwida inklużi fil-Pjan Strateġiku Ewropew tat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET Plan),
  - (b) il-produzzjoni u l-użu tad-demel u tal-fertilizzanti sostenibbli, filwaqt li tingħata preferenza lill-iżvilupp ta' demel u fertilizzanti organiċi u naturali filwaqt li jitnaqqas il-konsum ta' fertilizzanti magħmula mill-idrokarburi,
  - (c) l-irkupru ta' kull tip ta' skart agrikolu;
  - (d) it-tnaqqis tal-metanu li jirriżulta mill-produzzjoni marbuta mal-bhejjem,
  - (e) il-kontroll tal-ossidu nitruż (N<sub>2</sub>O) mid-demel u mid-demel likwidu,
4. Huwa tal-fehma li, filwaqt li l-agrikoltura hija l-kawża ta' ħafna problemi relatati mal-ambjent u t-tibdil fil-klima, hija wkoll mezz importanti biex issolvihom. Għal din ir-raġuni, għandu jsir enfasi ikbar minn qabel fuq il-perspettivi ambjentali u l-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima meta ssir ir-reviżjoni tal-Politika Agrikola Komuni;
  5. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea teħtieġ politiki għall-iżvilupp u għall-finanzjament tal-agrikoltura li jggarantixxu ikel sikur u ta' kwalità għolja;
  6. Jitlob li l-PAK tal-ġejjieni għandha tinsisti fuq prattiki li jnaqqsu l-gassijiet serra li jirriżultaw mill-produzzjoni marbuta mal-bhejjem, inklużi t-tibdiliet fl-għalf u l-ġestjoni tad-demel u tad-demel likwidu;
  7. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' protezzjoni għall-bdiewa li jħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet ikkawżati minn avvenimenti estremi u jinkoraġġixxi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti, bħal skemi ta' irrigazzjoni sostenibbli, li jgħinu fil-ġlieda kontra l-effetti tat-tibdil fil-klima;
  8. Jenfasizza li għandu jkun hemm żieda fil-finanzjament għar-riċerka agrikola marbuta mat-tibdil fil-klima fil-perspettiva finanzjarja pluriennali ta' wara l-2013 jekk għandu jkun hemm bidla lejn metodi tal-produzzjoni li jirrispettaw aktar lill-ambjent;
  9. Jitlob lis-settur agrikolu sabiex jagħmel sforz konsiderevoli biex ikabbar il-produzzjoni deċentralizzata tal-enerġija li tiġġedded kif ukoll, b'mod partikolari, biex itejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-farms permezz tal-modernizzazzjoni u l-ippjanar razzjonali tal-enerġija, kif ukoll bl-użu u l-implimentazzjoni ta' tagħmir u prattiki ppruvati u ttestjati li huma effiċjenti fl-enerġija;
  10. Jenfasizza li użu aktar estensiv tal-ICT jista' jtejjeb il-monitoraġġ ta' diversi fażijiet tal-produzzjoni u jtejjeb il-ġestjoni tagħhom biex tiżied il-produzzjoni f'relazzjoni mal-użu tal-mezzi tal-produzzjoni u, fl-istess ħin, jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-

konsum tal-enerġija; jenfasizza, bl-istess mod, li l-użu aktar estensiv tal-ICT, l-integrazzjoni tal-politiki għall-promozzjoni tat-taħriġ għall-bdiewa f'teknoloġiji ġodda u l-appoġġ għall-innovazzjoni u l-intraprenditorija fost il-bdiewa żgħażaġh, b'mod partikolari huma temi importanti, kemm biex il-agrikoltura ssir aktar sostenibbli mil-lat ambjentali kif ukoll biex is-settur isir aktar kompetittiv.

11. Jenfasizza li t-tentattivi biex jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tal-agrikoltura jridu jiffukaw ukoll fuq l-emissjonijiet ikkawżati minn:
  - effetti diretti u indiretti tal-bidla fl-użu tal-art,
  - l-effetti tal-produzzjoni tal-industrija agroalimentari, b'mod speċjali dawk marbuta mat-trasport għal distanza twila tal-prodotti intermedji u finali tagħha; iqis, għaldaqstant, li għandha tingħata prijorità lil sistemi qosra li jwasslu mill-produzzjoni għall-ipproċessar u għall-konsum.
12. Jirrimarka li t-tibdil fil-klima ma jolqotx lir-reġjuni kollha tal-UE bl-istess mod, u għalhekk huwa essenzjali li tingħata aktar attenzjoni lil dawk ir-reġjuni bl-akbar ċans li jġarrbu l-konsegwenzi l-aktar serji; jirrimarka li ż-żieda fit-temperatura flimkien man-nixfa u n-nirien estensivi fil-foresti se joħlqu riskji kbar ta' deżertifikazzjoni fil-pajjiżi tal-Ewropa tan-Nofsinhar, bil-konsegwenzi kollha marbuta mal-vijabilità tal-farms, l-abbandun taż-żoni tal-agrikoltura, it-tnaqqis fil-bijodiversità u d-dgħajfien tar-riżorsi naturali; jitlob, għalhekk, li l-azzjonijiet Komunitarji kollha għall-finanzjament tal-aġġustament tal-agrikoltura għall-isfidi l-ġodda li nħolqu minħabba t-tibdil fil-klima għandhom iqisu bis-sħiħ din id-dimensjoni reġjonali sabiex it-tibdil fil-klima ma jsirx fattur li jkompli jħarrax id-differenzi ekonomiċi u ambjentali bejn ir-reġjuni tal-UE;
13. Jindika li żieda fil-produzzjoni tal-bijomassa għall-enerġija tista' twassal għal aktar volatilità fil-prezzijiet tal-ikel. Biex jonqsu r-riskji għall-bdiewa, għandu għaldaqstant ikun hemm bilanċ raġonevoli bejn il-produzzjoni tal-ikel u l-produzzjoni tal-bijomassa;
14. Jenfasizza l-ħtieġa li jitjiebu l-miżuri ta' adattament għat-tiħin dinji fis-settur agrikolu f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-ħamrija u l-ġestjoni tal-ilma.
15. Jenfasizza li l-prinċipju tas-sostenibilità jrid jiġi infurzat meta tintuża l-bijomassa. Għalhekk, għandu jiġi mħeġġeġ l-użu tagħha qrib kemm jista' jkun tal-post tal-produzzjoni tal-materja prima agrikola. Dan inaqqas il-ħela ta' enerġija kkawżata mit-trasport;
16. Jirrimarka li l-użu tal-bijomassa għat-tiħin jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jagħtu fondi għall-iżvilupp rurali lill-istituzzjonijiet pubbliċi rurali li jaqilbu għal sistemi ta' tiħin ibbażati fuq il-bijoenerġija;
17. Iqis li hu importanti li l-bdiewa jagħmlu aktar użu mill-ICT biex inqassu l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. L-użu ta' għodda tal-ICT irid jiġi appoġġjat f'konnessjoni, fost l-oħrajn, mal-kultivazzjoni, is-saħħa tal-pjanti, il-meteoroloġija u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni;

18. Jenfasizza li l-foresti għandhom rwol kull ma jmur aktar vitali fil-politika klimatika u huma importanti f'oqsma bħall-qbid tal-karbonju u l-ħarsien mill-erożjoni. Għaldaqstant, il-PAK trid tiżgura aktar fondi għall-afforestazzjoni u għall-ħarsien tal-foresti. Barra minn hekk, il-ġestjoni tal-foresti jrid jiġi integrat fir-reġim tat-tibdil fil-klima ta' wara Kjoto;
19. Jindika li l-foresti jagħtu kontribut sinjifikanti għall-ġestjoni effiċjenti tal-ilma. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiġu mħeġġa biex iwettqu ġestjoni tal-foresti li tnaqqas id-differenzi fir-reġim tal-ilma bejn il-perjodi ta' nixfa u ta' għargħar, biex b'hekk jitnaqqsu l-effetti negattivi tan-nixfiet u tal-għargħar fuq l-agrikoltura, il-produzzjoni tal-enerġija u l-popolazzjoni;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.2.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 45 -: 1 0: 5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Zoltán Balczó, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Jorgo Chatzimarkakis, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Lena Ek, Ioan Enciu, Norbert Glante, Fiona Hall, Romana Jordan Cizelj, Arturs Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Marisa Matias, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Paul Rübig, Amalia Sartori, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Evžen Tošenovský, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Niki Tzavela, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	António Fernando Correia De Campos, Ilda Figueiredo, Yannick Jadot, Oriol Junqueras Vies, Ivailo Kalfin, Silvana Koch-Mehrin, Bernd Lange, Alajos Mészáros, Tiziano Motti, Vladko Todorov Panayotov, Silvia-Adriana Țicău, Hermann Winkler

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	17.3.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 34 -: 4 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Stuart Agnew, Richard Ashworth, José Bové, Luis Manuel Capoulas Santos, Vasilica Viorica Dăncilă, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Diane Dodds, Herbert Dorfmann, Hynek Fajmon, Lorenzo Fontana, Iratxe García Pérez, Béla Glattfelder, Martin Häusling, Esther Herranz García, Peter Jahr, Elisabeth Jeggle, Jarosław Kalinowski, Elisabeth Köstinger, Giovanni La Via, Stéphane Le Foll, George Lyon, Gabriel Mato Adrover, Mairead McGuinness, Krisztina Morvai, James Nicholson, Rareş-Lucian Niculescu, Wojciech Michał Olejniczak, Georgios Papastamkos, Marit Paulsen, Britta Reimers, Ulrike Rodust, Giancarlo Scotta', Czesław Adam Siekierski, Alyn Smith, Csaba Sándor Tabajdi, Marc Tarabella, Janusz Wojciechowski
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Luís Paulo Alves, Spyros Danellis, Esther de Lange, Lena Ek, Véronique Mathieu, Maria do Céu Patrão Neves